



**KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR IR-REVIŻJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-ĦIN
TAX-XOGĦOL
SFOND**

L-organizzazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-settur pubbliku u dak privat għandhom impatt soċjali, ekonomiku u politiku konsiderevoli. Fil-livell tal-UE, id-Direttiva 2003/88/KE (id-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol)¹ għandha l-għan li tipprovdi standards minimi komuni għall-Istati Membri kollha biex iħarsu lill-ħaddiema mir-riskji tas-saħħa u s-sikurezza assoċjati ma' sigħat tax-xogħol eċċessivi jew mhux xierqa u ma' ħin ta' serħan u rkupru mix-xogħol inadegwat. L-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea b'mod simili jistipula li: "Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas."

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena seħħew bidliet fundamentali fid-dinja tax-xogħol u fl-ekonomija, li kellhom impatt ċar fuq ħafna aspetti li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, jeħtieġ li nirriflettu fuq it-tip ta' leġiżlazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol li teħtieġ l-UE biex tindirizza l-isfidi attwali u futuri tal-ewwel parti tas-seklu 21, jgħid li l-isfidi soċjali, ekonomiċi, teknoloġiċi u demografiċi.

Għalhekk, il-Kummissjoni nediet reviżjoni komprensiva tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol. L-għan ta' din ir-reviżjoni huwa li tanalizza l-bidliet meħtieġa fil-qafas legali attwali biex jinkisbu regoli dwar il-ħin tax-xogħol li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-ħaddiema, tan-negozji, tas-servizzi pubbliċi u tal-konsumaturi fl-UE.

Il-kamp ta' applikazzjoni u l-importanza tar-regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-UE

Id-Direttiva ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 137(2) tat-Trattat tal-Komunità Ewropea (issa l-Artikolu 153 tat-TFUE), li jistipula miżuri Komunitarji għat-titjib tal-ambjent tax-xogħol billi jiġu mħarsa s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

¹Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9.

Id-Direttiva tapplika għas-setturi kollha ta' attività, kemm pubbliċi u kemm privati, inklużi s-servizzi tal-kura tas-saħħa u dawk ta' emerġenza.

Din id-Direttiva ma tapplikax biss għall-persuni li jaħdmu għal rashom. L-applikabbiltà tad-Direttiva għall-voluntiera tista' tvarja minn Stat Membru għal ieħor, peress li tiddependi minn jekk jikkwalifikawx bħala "ħaddiema" skont id-definizzjoni awtonoma ta' dan il-kunċett li hija speċifika għal-liġi tal-UE² u fid-dawl tal-arranġament tax-xogħol partikolari tagħhom skont il-liġi u l-prattika nazzjonali applikabbli u ċ-ċirkostanzi fattwali.

Id-Direttiva attwali dwar il-ħin tax-Xogħol tikkodifika żewġ direttivi preċedenti, li minnhom l-aktar waħda importanti ġiet adottata fl-1993, abbażi ta' proposta li saret mill-Kummissjoni^{3 4}.

Id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi komuni għall-Istati Membri kollha, li jinkludu:

- perjodi ta' serħan ta' kuljum u fil-ġimgħa għall-ħaddiema (normalment jikkonsistu fi 11-il siegħa konsekuttiva ta' serħan ta' kuljum u ta' 24 sa 35 siegħa ta' serħan mingħajr interruzzjoni fil-ġimgħa)
- perjodu ta' serħan matul il-ħin tax-xogħol (meta l-ġurnata tax-xogħol tkun ta' aktar minn sitt sigħat)
- limiti tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa għall-ħaddiema (medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa, inkluża s-sahra)
- liv annwali bi ħlas għall-ħaddiema (mill-inqas 4 ġimgħat fis-sena)
- protezzjoni addizzjonali għall-ħaddiema ta' billejl⁵:
 - *is-sigħat normali ta' xogħol ma jridux ikunu aktar minn 8 sigħat (medja) għal kull perjodu ta' 24 siegħa,*

2 Ara l-kawża C-428/09 tal-Qorti tal-Ġustizzja, Ġabra I-09961, *Union syndicale Solidaires Isère v Premier ministre u oħrajn*.

³ Proposta għal direttiva li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol — COM(90) 317, tal-20 ta' Settembru 1990.

⁴ It-tobba li jkunu qed jitħarrġu kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-1993, iżda reġġu għew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha skont l-emenda tad-Direttiva 2000/34/KE. Għalhekk, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2004, l-Istati Membri kienu obbligati li jiżguraw li r-regoli tad-Direttiva japplikaw għat-tobba li jkunu qed jitħarrġu. L-uniku eċċezzjoni għal din id-data ta' skadenza kien il-limitu ta' 48 siegħa tad-Direttiva għall-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa: peress li f'ħafna Stati Membri s-sigħat twal tax-xogħol kienu fattur stabbilit tat-taħriġ mediku, id-Direttiva tal-2000 kienet tippermetti arranġamenti tranżitorji estiżi għall-applikazzjoni gradwali tal-limiti dwar il-ħin tax-xogħol għat-tobba li jkunu qed jitħarrġu matul il-perjodu ta' bejn Awwissu 2004 u l-31 ta' Lulju 2009. Fattur ieħor li jippermetti estensjoni żgħira tal-ħinijiet tax-xogħol (massimu ta' 52 siegħa fil-ġimgħa) sal-31 ta' Lulju 2011, intuża minn tliet Stati Membri (UK, NL u HU). Mill-1 ta' Awwissu 2011, il-limitu ta' 48 siegħa għall-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa beda japplika fl-Istati Membri kollha għat-tobba li jkunu qed jitħarrġu.

⁵ Id-definizzjoni ta' "ħaddiem ta' billejl" tiddependi fuq il-ħidma fl-andament normali matul 'il-ħin ta' billejl' kif iddefinita mill-Istat Membru: għalkemm japplikaw ukoll diversi derogi. Ara l-kapitolu dwar il-ħin ta' "billejl" fid-dokument SEC (2010) 1611.

- *ix-xogħol ma jistax ikun aktar minn 8 sigħat f'kull perjodu ta' 24 siegħa, jekk jinvolvi perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali,*
- *id-dritt tal-ħaddiema kollha ta' billejl għal eżami mediku bla ħlas qabel jibdew dan it-tip ta' xogħol u li dan l-eżami jsir f'intervalli regolari wara li jibdew ix-xogħol,*
- *id-dritt tal-ħaddiema li jiġu trasferiti għal xogħol ta' binhar "meta dan ikun possibbli", jekk isofru minn problemi ta' saħħa marbuta max-xogħol ta' billejl,*
- *miżuri li jobbligaw lill-impjegaturi li jużaw ix-xogħol ta' billejl b'mod regolari, biex jinnotifikawh lill-awtoritajiet responsabbli jekk dawn jitolbu hekk.*

Id-Direttiva ma tinkludi l-ebda regola li tirregola r-remunerazzjoni (ħlief id-dritt għal 4 ġimgħat ta' liv annwali bi ħlas).

Id-Direttiva hija pjuttost dettaljata fid-dispożizzjonijiet tagħha u tikkonforma mal-għan iddefinit tagħha ta' ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema. Madankollu, din tipprovi ċertu flessibilità, sabiex tikkumpensa għad-differenzi bejn ir-regoli nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol jew ir-rekwiżiti speċifiċi tal-attivitajiet jew tal-professjonijiet:

- L-Istati Membri jistgħu jadattaw regoli tal-UE għaċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom (pereżempju, il-ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa ġie stipulat għal anqas minn 48 siegħa f'ħafna pajjiżi);
- Jeżisti kamp ta' applikazzjoni sostanzjali għall-arranġamenti flessibbli ta' xogħol permezz ta' negozjar kollettiv (pereżempju, l-annwalizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol);
- Hemm ħafna derogi u eċċezzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ġenerali (pereżempju, dwar il-ħin ta' serħan kompensatorju, jew id-deroga ta' esklużjoni fakultattiva (opt-out) individwali mir-regola tat-48 siegħa).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-ħin massimu tax-xogħol, il-liv annwali bi ħlas u l-perjodi minimi ta' serħan "jikkostitwixxu regoli tal-liġi soċjali tal-UE ta' importanza partikolari, li minnhom irid jibbenefika kull ħaddiem".⁶

Għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja huma partikolarment importanti għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-servizzi pubbliċi tas-saħħa/tal-kura:

- (i) Rigward it-trattament tal-"ħin on-call": il-Qorti ddeċidiet fil-Kawża *SIMAP* (it-3 ta' Ottubru 2000), *Jaeger* (id-9 ta' Settembru 2003) u *Dellas* (l-1 ta' Diċembru 2005) li l-"ħin on-call" kollu meta ħaddiem ikun obligat jibqa' fil-post tax-xogħol magħżul mill-impjegatur, irid jiġi inkluż

⁶ Ara l-Kawża C-19/04, *Dellas* [2005] Ġabra-I-10253, paragrafi 40-41 u 49, u l-ġurisprudenza kwotata f'dawk il-paragrafi; l-istess rigward il-liv annwali bi ħlas, ara l-Kawża C-124/05, *FNV*, il-paragrafu 28.

meta jiġu kkalkulati l-limiti dwar il-ħin tax-xogħol skont id-Direttiva u ma jistax jingħadd bħala perjodi minimi ta' serħan. Għall-ħaddiema, ifisser li l-ħin on-call tagħhom irid jingħadd bis-sħiħ għall-finijiet tal-intitolamenti tagħhom għal perjodi ta' serħan u ta' ħin massimu tax-xogħol fil-gimġha. Għall-impjegaturi, ifisser li fl-organizzazzjoni u l-ippjanar tal-ħin tax-xogħol fil-limiti tad-Direttiva, iridu jgħoddu bis-sħiħ il-ħin on-call tal-ħaddiema tagħhom bħala ħin tax-xogħol.

(ii) Rigward it-trattament tal-"*ħin stand-by*": il-Qorti ddeċidiet ukoll fil-Kawża *SIMAP* li "l-ħin ta' serħan" li fih ħaddiem ikun disponibbli biex jipprovdi servizzi jekk dawn jiġu mitluba, iżda mhuwiex obligat li jibqa' fil-post tax-xogħol, u jista' (pereżempju) jibqa' d-dar jew f'xi post ieħor li jagħżel hu, ma għandux jingħadd integralment bħala ħin tax-xogħol skont id-Direttiva: f'każijiet bħal dawn, il-ħin li jintuża biss biex ħaddiem iwieġeb għal sejħa riċevuta għandu jgħodd bħala ħin tax-xogħol.

(iii) Rigward il-ħin ta' "*serħan kumpensatorju*". Skont id-Direttiva, il-ħin minimu ta' serħan ta' kuljum u fil-gimġha jista' jiġi ttardjat bis-sħiħ jew parzjalment, dejjem jekk is-sigħat ta' serħan jittieħdu kollha iktar tard. Madankollu, id-Direttiva ma tispesifikax f'liema limitu ta' żmien għandu jsir dan. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza *Jaeger* tagħha ddeċidiet li dan "is-serħan kumpensatorju ekwivalenti" irid jingħata immedjatament wara l-perjodu estiż ikkonċernat. Għall-ħaddiema, ifisser li huma intitolati għal ħin ta' serħan immedjatament wara li jaħdmu s-sigħat estiżi tax-xogħol, biex b'hekk ikunu jistgħu jirkupraw mix-xogħol li jkunu wettqu u jistrieħu għall-ħidma futura. Għall-impjegaturi, ifisser li jridu jagħtu l-ħin ta' serħan kumpensatorju lill-ħaddiema tagħhom immedjatament wara li jkunu wettqu s-sigħat estiżi tax-xogħol, u dan għandu konsegwenzi fuq l-organizzazzjoni u l-ippjanar tal-forza tax-xogħol tagħhom.

Għadd ta' Stati Membri, fil-perjodu ta' wara s-sentenzi *SIMAP* u *Jaeger*, introduċew leġislazzjoni li tipprevedi l-użu tad-deroga għall-"esklużjoni fakultattiva"⁷ f'attivitajiet li jeħtieġu disponibbiltà ta' 24 siegħa fejn il-"ħin on-call" kien karatteristika partikolari, speċjalment fil-każ speċifiku tas-servizzi pubbliċi tas-saħħa u/jew tal-kura. Kull deroga għandha tirrispetta u tiġi implimentata f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁸.

⁷ L-esklużjoni fakultattiva hija deroga tal-Artikolu 22.1 tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol li skontha Stat Membru jista' jagħżel li jagħti permess lill-impjegatur biex, bil-kunsens tal-ħaddiem stess, jitlobu jaħdem volontarjament għadd ta' sigħat li jaqbżu l-limitu stabbilit mid-Direttiva (medja ta' 48 siegħa fil-gimġha). Għall-informazzjoni kollha ara l-Kapitolu 5 tad-dokument SEC 2010 1611.

⁸ L-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistipula li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonossuti minn din il-Karta trid tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, u li l-limitazzjonijiet jistgħu jsiru biss jekk dawn ikunu meħtieġa u li ġenwinament jissodisfaw l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonossuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġiharsu d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

Madankollu, l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva b'modi differenti ħafna. F'ċerti Stati Membri, ir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol tas-setturi differenti tal-ekonomija huma ddefiniti permezz ta' ftehimiet kollettivi, li jvarjaw skont is-settur tal-attività. F'oħrajn, il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi r-regoli bażiċi, iżda anke l-ftehimiet kollettivi għandhom rwol importanti ħafna f'diversi setturi. F'xi Stati Membri, ir-regoli speċifiċi dwar il-ħin tax-xogħol huma stabbiliti mil-leġiżlazzjoni settorjali, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-settur tas-saħħa pubblika. Dan japplika b'mod partikolari għas-settur pubbliku, fejn il-leġiżlazzjoni speċifika settorjali jew subsettorjali tista' tkun estensiva u kumplessa ħafna.

Il-proposta tal-2004-2009 għal bidla leġiżlattiva

Matul il-perjodu tal-2004-2009, fil-Kunsill u l-Parlament saru diskussjonijiet estensivi dwar proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni li kienet se twettaq għadd ta' bidliet fid-Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol.

Il-proposta mressqa mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq reviżjoni u konsultazzjonijiet li ffukaw fuq erba' kwistjonijiet partikolari li baqgħu ma ssolvewx mil-leġiżlazzjoni attwali jew mill-ġurisprudenza. Tnejn mill-kwistjonijiet ewlenin (id-deroga tal-esklużjoni fakultattiva u l-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-limiti dwar il-ħin tax-xogħol) kienu dwar kwistjonijiet li d-Direttiva stess kienet teħtieġ reviżjoni dwarhom fi żmien għaxar snin mill-adozzjoni tagħha. Iż-żewġ kwistjonijiet l-oħra (it-trattament tal-ħin "on-call" u l-ħin ta' serħan kumpensatorju) kienu dwar suġġetti li l-Kummissjoni rċeviet diversi talbiet dwarhom biex tikkjarifika l-applikazzjoni tad-Direttiva wara l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi *SIMAP* u *Jaeger*.

B'mod partikolari, il-proposta oriġinali timmira li:

- (i) tneħħi b'mod progressiv l-esklużjoni fakultattiva individwali mir-regola tat-48 siegħa jew tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' protezzjoni addizzjonali u għal klawżola stretta ta' reviżjoni;
- (ii) tittratta l-ħin on-call b'mod differenti mill-ħin normali tax-xogħol, billi tiddistingwi bejn il-perjodi attivi u inattivi fil-post tax-xogħol;
- (iii) tippermetti li jkun hemm aktar flessibbiltà fil-ħin ta' serħan kumpensatorju (li għandu jingħata f'"perjodu raġjonevoli");
- (iv) tippermetti li l-perjodu ta' referenza għall-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa jkun estiż bil-liġi għal massimu ta' 12-il xahar (u mhux biss permezz ta' ftehim kollettiv bħal fid-Direttiva attwali).

Id-diskussjonijiet dwar din il-proposta li saru bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, f'lewwel-2009 waqt l-istadju ta' konċiljazzjoni.

Ir-reviżjoni attwali tad-Direttiva

Fl-2009, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ħabbar li l-Kummissjoni se tagħmel proposta ġdida biex temenda d-Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol, wara konsultazzjoni f'żewġ stadji mas-sħab soċjali skont l-Artikolu 154 tat-TFUE u valutazzjoni komprensiva tal-impatt.

Il-Kummissjoni ppubblikat [f'Marzu 2010 dokument ta' konsultazzjoni dwar l-ewwel stadju tas-sħab soċjali Ewropej](#)⁹ li pprovda ħarsa ġenerali ċara tat-termini ewlenin li huma relevanti għar-reviżjoni u l-implikazzjonijiet legali tagħhom (eż. il-ħin on-call, il-ħin stand-by, is-serħan kumpensatorju, il-ħaddiema awtonomi, l-applikazzjoni għal kull kuntratt jew għal kull ħaddiem, l-esklużjoni fakultattiva). Dan id-dokument kien jistieden lis-sħab soċjali biex jindikaw jekk kinux iqisu li hemm bżonn ta' bidla u f'dak il-każ, x'kien l-iskop ta' dik il-bidla.

[Il-Komunikazzjoni li nediet it-tieni stadju ta' konsultazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej f'Diċembru 2010](#)¹⁰ ġabret fil-qosor it-tweġibiet li wasslu mis-sħab soċjali Ewropej u kkonkludiet li kien hemm verament bżonn ta' bidla. Din ippreżentat għadd ta' temi differenti li wħud mis-sħab soċjali, jew saħansitra kollha kemm huma, xtaqu li ssir bidla dwarhom u ressqet għażliet possibbli dwar kull waħda minn dawn it-temi.

B'mod parallel mal-proċess ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni bdiet ukoll il-ħidma tagħha biex tivvaluta l-impatt tar-regoli attwali u tal-bidliet possibbli tagħhom. Il-Kummissjoni ppubblikat u poġġiet għad-dispożizzjoni tas-sħab soċjali Ewropej bħala parti mit-tieni stadju ta' konsultazzjoni, għadd ta' studji ta' evalwazzjoni u rapporti li jiffukaw kemm fuq l-aspetti legali kif ukoll dawk soċjoekonomiċi:

- [rapport iddettaljat mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni legali tad-Direttiva attwali](#)¹¹, ippubblikat fl-2010 u li jiffissa r-rekwiżiti tad-Direttiva għal kull tema ewlenija li tinsab fid-Direttiva, kif interpretati mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja sal-aħħar tal-2010 u jipprovdi rendikont iddettaljat tat-traspożizzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri,

- [studju li twettaq minn konsulenti esterni dwar l-impatt soċjoekonomiku tar-regoli attwali dwar il-ħin tax-xogħol](#) (li kien jinkludi kapitoli speċifiċi dwar l-impatt, fil-prattika, fuq is-servizzi tas-saħħa pubblika u tal-kura fl-Istati Membri tas-sentenzi SIMAP-Jaeger u dwar l-użu tal-esklużjoni fakultattiva)

,¹²

⁹ COM(2010) 106, 24.03.2010

¹⁰ COM (2010) 801 u SEC (2010) 1610, 21.12.2010

¹¹ COM (2010) 802 u SEC (2010) 1611, 21.12.2010

¹² "Study to support an impact assessment on further action at European level regarding Directive 2003/88/EC and the evolution of working time organization" Deloitte, 2010.

- diversi studji oħra dwar l-aspetti differenti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fl-UE, ippubblikati mill-Kummissjoni, mill-Eurofound u minn organizzazzjonijiet oħra .

Bi tweġiba għat-tieni konsultazzjoni, is-sħab soċjali transsettorjali ewlenin (jiġifieri BusinessEurope, KETU, CEEP u UEAPME) indikaw f'Mejju 2011, l-interess tagħhom li jinnegozzjaw bejniethom reviżjoni tad-Direttiva, bil-għan li jintlaħaq ftehim li jista' jiġi implimentat minn Direttiva tal-Kunsill skont l-Artikolu 155 tat-TFUE. In-negozjati tagħhom tnedew formalment minn ittra konġunta indirizzata lill-Kummissarju László Andor fl-14 ta' Novembru 2011. Għalhekk, il-Kummissjoni ssospendiet il-ħidma tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt, b'rispett għall-awtonomija tan-negozjati tas-sħab soċjali.

Madankollu, wara sensiela ta' laqgħat li saru minn Diċembru 2011 'il quddiem, is-sħab soċjali ħabbru l-imblokkar tad-diskussjonijiet tagħhom f'Diċembru 2012. Wara kuntatti esploratorji u laqgħa man-negozjaturi ewlenin, fi Frar 2013, il-Kummissarju László Andor ikkonkluda li n-negozjati ntemmu b'mod definittiv.

Għalhekk, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tkompli r-reviżjoni tagħha tad-Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol. Il-Kummissjoni tixtieq tlesti l-ħidma preparatorja tagħha permezz ta' valutazzjoni tal-impatt iddettaljata ta' firxa ta' għażliet possibbli għar-reviżjoni. Din il-konsultazzjoni pubblika għandha l-għan li tikkontribwixxi għar-reviżjoni attwali u l-valutazzjoni tal-impatt.